MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 1643/2000/1

**L-Avukat Dottor Hugh Peralta fil-kwalita` tieghu ta' mandatarju specjali tas-socjeta` Svizzera "Gardanella S.A"**

**v.**

**Credinvest International Corporate Finance Limited**

## Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mis-socjeta` konvenuta Credinvest International Corporate Finance Limited [Credinvest] u l-iehor incidentali mghamul mis-socjeta` attrici Gardanella S.A [Gardanella], minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-

Qorti Civili fid-9 ta’ Dicembru 2009 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi, cahdet l-eccezzjonijiet ta’ Credinvest u kkundannatha thallas lil Gardanella is-somma ta’ €11,911.25 bl-imghaxijiet min-notifika tac-citazzjoni, bl-ispejjez jigu sopportati minn Gardanella in kwantu ghal $^{1}/_{5}$ u r-rimanenti $^{4}/_{5}$ jithallsu minn Credinvest.

## **Il-Fatti**

2. Il-fatti kif johrogu mill-att tac-citazzjoni huma dawn:

“Peress illi in forza ta' kuntratt milħuq bejn Credinvest International Corporate Finance Limited u Gardanella S.A. nhar id-9 ta’ Lulju 1998 (fotokopja tiegħu hawn annessa u markata bħala dokument ittra "A") Gardanella SA ikkummisjonat lil Credinvest International Corporate Finance Limited sabiex issibilha persuna jew istituzzjoni finanzjarja fis-suq finanzjarju internazzjonali li jkun jista’ jestendilha kreditu ta’ ħdax-il miljun u ħames mitt elf Frank Svizzeru (CHF 11.600.000) u dan taħt diversi kundizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt;

“Peress illi *ai termini* tal-istess kuntratt is-soċjeta` konvenuta obbligat ruħha *inter alia* illi fi żmien approssimattiv ta’ bejn tletin (30) u ħamsa u erbgħin (45) ġurnata hija kellha tissottometti lil Gardanella S.A. sa tlett offerti ta’ finanzjament b’rata ta’ imgħax li ma kellux jaqbez il-1.5% ’il fuq mil-LIBOR fis-sena;

“Peress illi Gardanella S.A. obbligat ruħha li tħallas kontribuzzjoni għall-ispejjez *("cost contribution")* fl-ammont ta’ ħmistax-il elf Dollaru Amerikan (US$15,000) ekwivalenti għal cirka sitt elef tmien mija u tmintax-il Lira Maltin (Lm6,818) bil-kundizzjoni illi l-istess depożitu jiġi rifuż kompletament f’każ (li s-soċjeta` konvenuta ma tkunx ottjeniet il-finanzjament skont il-kondizzjonijiet tal-istess kuntratt;

“Peress illi Gardanella S.A. ħallset l-ammont ta’ ħmistax-il elf Dollaru Amerikan (US$15,000) ekwivalenti għal ċirka sitt elef tmien mija u tmintax-il Lira Maltin (Lm6,818) permezz ta' żewġ trasferimenti bankarji fil-kont tas-

soċjeta` konvenuta, ċioe` l-ewwel pagament ta’ ħamest elef Dollaru Amerikan (US$5,000) nhar it-18 ta' Lulju 1998 u l- ieħor ta’ għaxart elef Dollaru Amerikan (US$10,000) nhar it-22 ta' Lulju 1998 (kopji tal-istess pagamenti hawn annessi u mmarkati bħala dokumenti ittri "B" u "C" rispettivament;

“Peress illi nhar it-22 ta’ Settembru 1998, ċioe` ħamsa u sebgħin (75) ġurnata wara d-data tal-istess kuntratt, is-soċjeta` konvenuta permezz ta’ *fax* (fotokopja tagħha hawn annessa u mmarkata bħala dokument ittra "D") talbet lil Gardanella S.A. estensjoni taż-żmien ta’ ġimgħatejn llegatament sabiex tottjeni risposta mingħand Bank ismu mhux magħruf;

“Peress illi wara li għaddew tali ġimgħatejn is-soċjeta` konvenuta baqgħet ma tatx tweġiba;

“Peress illi fit-22 t’Ottubru 1998 Gardanella S.A. wara talba li saritilha għal dan il-għan aċċettat illi tagħti estensjoni oħra ta’ żmien ta’ tlett ġimgħat sabiex fihom is-soċjeta` konvenuta tkun tista’ tagħmel l-arranġamenti meħtieġa għall-finanzjament;

“Peress illi minkejja tali estensjoni oħra taż-żmien is-soċjeta` konvenuta xorta waħda baqgħet inadempjenti u ebda finanzjament ma ġie offrut lil Gardanella SA;

“Peress illi wara tant dewmien inutli mingħajr ebda riżultat, permezz ta’ *fax* datata 16 ta' Novembru 1998 (fotokopja tagħha hawn annessa u mmarkata bħala dokument ittra "E"), ċioe` wara li kienet skadiet it-tieni estensjoni taż-żmien ta’ tlett ġimgħat konċessi minn Gardanella S.A. l-istess soċjeta` talbet ir-ritorn lura tal-kontribuzzjoni ta’ ħmistax-il elf Dollaru Amerikan (US$15,000) ekwivalenti għal ċirka sitt elef tmien mija u tmintax-il Lira Maltin (Lm6,818) minnha mħallsin kif ingħad aktar ’il fuq, u dan *ai termini* tal-istess kuntratt milħuq bejn il-partijiet;

“Peress illi s-soċjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti minkejja diversi talbiet li sarulha mis-soċjeta` Gardanella S.A. għar-ritorn tal-istess ammont minnha mħallas;”

3. In bazi ghall-premess, Gardanella talbet li jigi dikjarat li Credinvest naqset mill-obbligi kontrattwali taghha, u li konsegwentement din tigi ordnata tirrifondilha s-somma ta' LM6,818 mhallsa minnha fit-termini tal-kuntratt de quo.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

4. Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

..................................... – omissis – .....................................

"Illi s-soċjeta` attriċi qed titlob rifużjoni tas-somma ta' ħamest elef Dollaru Amerikan (U.S.$5,000) [recte: hmistax-il elf Dollari Amerikani (U.S.$15,000] li kienet ħallset għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Saret kawża oħra simili (il-kuntratti saru flimkien) għal somma iċken minn soċjeta` differenti iżda rappreżentata mill-istess attur *nomine* li qed tiġi deċiża wkoll illum.

"Illi għandu jingħad mill-ewwel li l-ewwel eċċezzjoni ġiet rinunzjata fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2001.

"Illi s-soċjeta` konvenuta qed teċċepixxi kif ġia` ingħad, in-nullita` tal-kuntratt u l-preskrizzjoni ta' sentejn, fost affarijiet oħra.

"Illi fir-rigward tal-preskrizzjoni l-iktar preskrizzjoni qasira fil-każ in eżami hija dik eċċepita mill-konvenuti, ossija dik ta' sentejn (artikolu 1027). Sa Settembru 1998 is-soċjeta` konvenuta kienet għadha qed titlob estensjoni taż-żmien biex tottjeni is-self in kwistjoni (Dok C), liema estensjoni ngħatat. Għalhekk billi l-kawża ġiet intavolata fit-23 ta' Awwissu 2000 u allura *entro* s-sentejn minn meta l-azzjoni attriċi setgħet ġiet mibdija, din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

"Illi parti sostanzjali mill-provi tas-soċjeta` konvenuta kienu marbuta mal-fatt li l-persuna li ffirmat il-kuntratt mas-

soċjeta` attriċi ma kinitx tirrappreżentaha. Għalhekk skont l-istess soċjeta`, il-kuntratt inizjali huwa null u ma jistax jipproduċi effetti u kwindi lanqas ma tista' s-soċjeta attrici titlob rifużjoni tal-flus li ħallset. Għalkemm *prima facie* jidher ċar li fil-fatt Andreas Melhorn ma kellux rappreżentanza tas-soċjeta` konvenuta, il-Qorti xorta mhix sodisfatta li l-istess soċjeta` konvenuta tista' tieħu vantaġġ minn din is-sitwazzjoni, u dan għal żewġ raġunjiet prinċipali. L-ewwelnett hija stess bdiet tħaddem il-ftehim u fl-istess eċċezzjonijiet tagħha qed tgħid li n-negozju ma rnexxiex mhux tort tagħha, u sekondarjament hija wkoll ammettiet li rċeviet il-flus in kwistjoni għalkemm qed tgħid li ħallset lill-istess Melhorn u persuna oħra, ċertu Harrington is-somma ta' sitt elef, sitt mija u sitta u sittin Dollaru ($6,666) għal prestazzjonijiet tagħhom. Id-Direttur Maniġerjali tas-soċjeta` konvenuta Alain Mangion ikkonferma li huma pprovdew xorta s-servizzi in kwistjoni (seduta tal-21 ta Jannar 2008). F'dan l-aspett kif sewwa rrimarka l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut ma setax jieħu vantaġġ mill-fatt kważi tekniku li jeċċepixxi n-nullita` tal-obbligazzjoni tiegħu, meta fil-fatt għażel li jibda jimplimenta l-istess ftehim safejn u sakemm jaqbillu. *"Aġir li jirrasenta l-indebitu ... bl-ebda mod ma jiġġustifika l-inadempjenza kontrattwali tal-appellat, avolja una volta għażel li jirratifika l-kuntratt bl-aġir tiegħu." Pacta sunt servanda.* (**"Borg nomine vs Camilleri"** Vol LXXXI-I – paġna 402). Kif ġia` ingħad f'dan il-każ is-soċjeta` konvenuta tant bdiet taħdem fuq il-proġett illi għal diversi drabi talbet u ingħatat estensjoni tat-terminu biex twassal għall-konklużjoni l-kuntratt. Ma tistax għalhekk tipprevalixxi ruħha mill-fatt li Melhorn ma kienx jirrappreżentaha.

"Illi ma jidher li hemm ebda bażi għaliex is-soċjeta` konvenuta qed tirrifjuta li tħallas lura l-ammont li rċeviet, salv għall-fatt li hija ħallset is-somma ta' sitt elef, sitt mija u sitta u sittin Dollaru ($6,666) fuq indikati. Il-kuntratt innifsu jgħid infatti illi *"The cost contribution shall be refunded entirely should the contractor not be able to procure financing within the agreed upon framework of conditions."* Għandu jingħad li s-soċjeta` konvenuta nsistiet li din il-klawsola Melhorn ma kellux dritt idaħħalha,

il-fatt jibqa' li fil-bidu hija ma oġġezzjonatx, iżda għal kuntrarju bdiet tipprova ġġib il-finanzjament. L-i*standard agreement* li s-soċjeta` konvenuta qed tgħid li dejjem tinnegozja f'dan il-każ ma japplikax għaliex ma kienx dak li jorbot il-partijiet. Il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm xi nuqqas da parti tas-soċjeta` attriċi biex il-kuntratt ma twassalx għal tmiemu. Għalkemm l-imsemmi Alain Mangion isostni fl-affidavit tiegħu illi f'daqqa waħda s-soċjeta` attriċi qaltilhom li ma kinitx interessata, dan ġara f'Novembru 1998 meta allura skont il-kuntratt is-soċjeta` konvenuta kienet suppost ġia` ġabet ir-riżultat meħtieġ.

"Illi kif ġia` ingħad pero` jirriżulta ċar illi s-soċjeta` konvenuta ħallset sitt elef, sitt mija u sitta u sittin Dollaru ($6,666) kif appena rċeviet il-flus, u dan biex tħallas il-kummissjoni lill-persuni msemmija. Il-Qorti jidrilha li s-soċjeta` konvenuta għamlet dan il-ħlas *in bona fede* u għalhekk tħoss li hija ġustifikata li ma tirrifondix dawn il-flus li kienu tħallsu bħala senserija propju għaliex il-persuni li rċevewhom kienu wasslu lill-partijiet għall-kuntratt. Peress li l-ħlas sar fuq iż-żewġ kuntratti u li l-kuntratt soġġett din il-kawża kien għal somma tlett darbiet dak tal-kawża l-oħra, l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi għandu allura jkun ridott b'erbat elef, disa' mija u disgħa u disgħin Dollaru u ħamsin ċenteżmu ($4,999.50); fiż-żmien tat-tranżazzjoni ekwivalenti għal ħamest elef, mija u tlettax-il Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm5,113.50). Għalhekk is-soċjeta` attriċi għandha tiġi rifuża s-somma ta' ħamest elef, mija u tlettax-il Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm5,113.50) ossija ħdax-il elf, disa' mija u ħdax-il Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,911.25)."

**L-Aggravji**

5. Fis-succint l-aggravji ta' Credinvest huma s-segwenti: [1] li l-kuntratt ma jorbotx lilhom, stante li min deher ghas-socjeta` ma kellux d-debita awtorizzazzjoni; [2] li t-talba ghar-rifuzjoni tal-*cost contribution* hija preskritta fit-termini tal-Artikolu 1027 tal-Kap. 16; [3] li dan l-ammont m'huwiex rifondibbli, stante li jirrapprezenta spejjez inkorsi minn Credinvest fl-esekuzzjoni tal-obbligi kontrattwali taghha; [4] li ma kien hemm ebda

inadempjenza kontrattwali da parti taghha; [5] li, f'kull kaz, hi m'ghandhiex tirrifondi s-somma fl-intier taghha. Ghaldaqstant Credinvest qed titlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata, jew tirriformaha billi tordna li Credinvest thallas lil Gardanella somma li tigi likwidata minn din il-Qorti, u li tkun inferjuri ghal €11,911.25.

6. L-appell incidentali ta' Gardanella huwa fis-sens li skont il-kuntratt kellu jigi rifuz lilha l-ammont intier imhallsa minnha fuq il-kuntratt bhala *cost contribution.* Ghalhekk ghar-ragunijet esposti minnha fir-risposta taghha u fl-appell incidentali, qed titlob il-konferma tas-sentenza appellata hlief ghal dik il-parti fejn irriduciet l-ammont ghal €11,911.25, u minflok, tordna li s-somma li ghandha thallas Credinvest tkun ekwivalenti ghal US$15,000.

**L-Appell Principali [Credinvest]**

*L-ewwel aggravju*

7. Dan l-aggravju hu fis-sens li l-provi:
"...juru bic-car illi l-kuntratt esebit bhala dokument A huwa null u bla ebda effett legali billi l-persuna li deheret fuq dan il-kuntratt, u cjoe` Andreas Melhorn, ma kienx awtorizzat u ma kellux il-kapacita` u qatt ma nghata s-setgha li jwieghed dak li wieghed, favur l-attur nomine [Gardanella], ghan-nom tas-socjeta` appellanti Credinvest."

8. Ghalhekk dan il-kuntratt [fil-forma ta' skrittura privata] ma hux vinkolanti fuq Credinvest peress li m'hijex marbuta ma' dak li l-mandatarju ghamel barra mil-limiti tal-mandat tieghu. In sostenn ta' dan, din is-socjeta` iccitat Artikolu 999 [1] u [2] tal-Kap. 16. Ticcita wkoll l-Artikolu 1880 [1] u [2] tal-istess Kap. u ssostni li:
"Stante li ma hemm l-ebda dubju li s-socjeta` appellanti Credinvest qatt ma rratifikat l-eghmil ta' Melhorn, kellu jirrizulta pjuttost car u manifest, abbazi ta' dan l-artikolu [1880] illi l-istess Credinvest ma setghet qatt tigi tenuta li hija obbligata tagixxi fil-parametri ... [tal-kuntratt]"

9. L-Artikolu 999 jghid:

"[1] Hadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruhu jew jikkuntratta hlief ghalih innifsu.

[2] B'dan kollu, wiehed jista' jobbliga ruhu lejn iehor, billi jwieghed xi haga li ghandha tigi maghmula minn persuna ohra, izda f'dan il-kaz, jekk din il-persuna l-obra ma tkunx trid tesegwixxi l-obbligazzjoni, dak li jkun obbliga ruhu jew wieghed it-twettieq tal-obbligazzjoni, ikun suggett biss ghall-hlas tal-hsara."

10. L-Artikolu 1880 jaqra testwalment hekk:
"[1] Il-mandant ghandu jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li l-mandatarju jkun ikkuntratta skont is-setghat li huwa jkun tah.

[2] Hu mhux obbligat ghal dak li l-mandatarju jkun ghamel barra mill-limiti ta' dawk is-setghat, hlief jekk hu jkun irratifika espressament jew tacitament dak l-eghmil."

11. Il-Qorti tosserva li l-vertenza tirriduci ruhha ghal jekk il-kuntratt iffirmat fid-9 ta' Lulju 1998 bejn Gardanella u l-Andreas Malhorn, kienx jorbot lil Credinvest.

12. Ghall-kaz odjern japplika dak osservat minn din il-Qorti fil-kawza App. C. **John La Rosa ne v. Carmelo Galea**, deciza 30 ta' Mejju 1958[1]:
"Hija dottrina komuni illi f'certi cirkostanzi anke s-semplici silenzju tal-mandant jista' jinduci r-ratifika tal-operat tal-mandatarju, in bazi ghall-principju *"qui tacet cum loqui potuit et debuit consentire videtur."* Kif jghid iz-Zacharie *" si ammette generalmente poter [ir-ratifika] emergere dal solo silenzio serbato da chi, conoscendo che un affare e' stato cominciato fuori i limiti del mandato da luri conferito, lascia il suo mandatario compierlo e menarlo a termine* [Il Diritto Civili Francese – Vol.V para.755 n.4; ara ukoll Laurent Vol.28 para7]; Baudry-Lacantinerie Vol. XXIV para 785; u Giorgi Vol.III p.220 et seq.] Imiss lil Qrati li jiddeciedu meta jigri dan skont ir-rizultanzi tal-fatt."

1 Vol.XLII.I.344.

13. Credinvest issostni li l-ftehim li kellha ma' Harrington u ma' Melhorn kien espressament jeskludi li dawn jidhlu fi ftehim ghan-nom tas-socjeta`, u ghalhekk dak li ffirma ghalih Malhorn fil-kuntratt de quo, ma kienx jorbot lis-socjeta`. Izda, minkejja dan, Credinvest xorta wahda ghaddiet biex tezegwixxi l-obbligazzjonijiet taghha naxxenti mill-kuntratt.

14. Fl-affidavit tieghu Alain Mangion, *managing director* ta' Credinvest, jispjega hekk:
"However,, I proceeded to act upon the instruction, believing that such agreement, even though worded in the German language, was identical to the company's Client Agreement......... However during our meeting in Malta, Melhorn and Harrington had explained the client's [Garber] requirements and, once the retainer fee paid by Garber had reached Credinvest's account, I felt that I would doing a disservice to the client if I had to wait for the documents to be translated and re-signed before I acted upon the client's requirements. I must emphasize that neither Melhorn nor Harrington did tell me, at this stage, that they had agreed to a refundable retainer fee, nor did I suspect that they had done so[2]......."

15. Fl-istess affidavit ikompli jghid:
"This translation finally arrived on the 30th July 1998. When noting its contents, I immediately realised that the Client's Agreement had been amended to provide [a] that the retainer fee paid by Garber was refundable to him."[3]

16. Izda, minkejja li fit-30 ta' Lulju 1998 Mangion kien konxju ta' din il-klawsola fil-kuntratt, huwa xorta wahda rrikonoxxa u rratifika l-kuntratt billi kompla bl-esekuzzjoni tal-kuntratt. Tant hu hekk li b'*fax* datata 3 ta' Settembru 1998 mibghuta minnu ghan-nom ta' Credinvest huwa nforma lil Herbert Garber ghan-nom ta' Gardanella, *"You are probably aware, through our Mr. Harrington, that we have initiated our work on this proposed financing of the Garbar and Gardanella projects; we have indeed*

2 Fol. 209.

3 Ibid.

*submitted the documentation received pertaining to the carpark project to one of your Banks."*[4]

17. Ukoll, permezz ta' *fax* bid-data 11 ta' Settembru 1998, l-istess Mangion informa lil Garber li *"We are confident that we may proceed towards the funding, and we are working around a level of 1.5% over LIBOR for this funding".*[5] Huwa kkonkluda din il-*fax*, hekk: *"We look forward to proceeding on this deal".*[6]

18. Sadanittant, Credinvest kienet talbet zewg estensjonijiet, wiehed ta' gimghatejn u l-iehor ta' tlett gimghat, fuq it-terminu indikat fil-kuntratt ta' bejn 30 u 45 gurnata ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni taghha dwar il-finanzjament tas-somma indikata fil-kuntratt.

19. B'*fax* datata 5 ta' Ottubru 1998, l-imsemmi Mangion informa lil Garber li kellu bzonn l-estensjoni ta' gimghatejn peress li d-dokumenti gew mibghuta mill-Bank koncernat lill-fergha sussidjarja gdida tal-istess bank. Mangion jikkonkludi din il-*fax* hekk: *"We shall of course be following up the deal at all times" .*[7]

20. Mill-premess johrog car li, anke wara li Mangion kellu f'idejh it-traduzzjoni Ingliza tal-kuntratt fit-30 ta' Lulju 1998, u anke meta kien jaf bil-klawsola li l-*cost contribution* ma kienux *refundable*, huwa xorta wahda ipproceda ghan-nom ta' Credinvest biex jesegiwixxi l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt. Tant hu hekk li meta permezz ta' *fax* tas-16 ta' Novembru 1998, Garber talbu r-rifuzjoni tal-$15,000 li s-socjeta` Gardanella kienet hallset lil Credinvest, Mangion irrispondih hekk:
"Please refer to the fax received recently. We must immediately state that we were somewhat surprised at both the tone and the content. We have worked considerably hard in seeking a financing and/or an insurance cover for the two deals proposed...."[8]

---

4 Fol. 104.

5 Fol. 142.

6 Ibid.

7 Fol. 107.

8 Fol. 112.

21. Fid-dawl tal-premess il-Qorti tosserva li, anke jekk Andreas Melhorn ma kienx awtorizzat minn Credinvest sabiex jiffirma l-kuntratt tad-9 ta' Lulju 1998, bil-komportament tad-direttur manigerjali taghha Alain Mangion, din il-kumpanija rratifikat dak li sar minn Melhorn ghan-nom taghha, tant li [1] hallset il-kummissjoni lil Melhorn, [2] bdiet tahdem biex tesegwixxi l-inkarigu taghha, anke wara li kellha f'idejha t-traduzzjoni Ingliza tal-kuntratt, u [3] talbet zewg estensjonijiet fuq il-perjodu kontemplat fil-kuntratt.

22. Ghalhekk, kull dubju jew difett li seta' originarjament kien jezisti dwar il-parametri tal-awtorizzazzjoni tal-mandatarju ta' Credinvest, dan gie rattifikat bil-komportament volontarju tal-istess socjeta`, u konsegwentement din ma tistax validament issostni li l-kuntratt ma kienx vinkolanti fil-konfront taghha.

23. Ghal kompletezza jinghad li, dwar dak sostnut minn Mangion fl-affidavit tieghu, li *"Harrison and Melhorn had subsequently confirmed* *__verbally__*[9] *that Garber had agreed to the non-refundable nature of the retainer fee...."* il-Qorti tosserva li, din l-allegazzjoni, li l-prova taghha tirrisjedi fuq Mangion, m'hijiex sostnuta mill-provi, b'mod partikolari minn Harrington u/jew Melhorn li la tressqu bhala xhieda, u lanqas gie prezentat affidavit taghhom.

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

25. Dan l-aggravju hu bazat fuq dak li jghid l-Artikolu 1027 tal-Kap. 16, b'referenza ghall-Artikolu 1021 tal-istess kap, u hu fis-sens li, stante li l-kuntratt sar fid-9 ta' Lulju 1998, u z-zewg pagamenti tal-*cost contribution* da parti ta' Gardanella saru fit-18 ta' Lulju 1998 u fit-22 ta' Lulju 1998, filwaqt li c-citazzjoni giet prezentata fl-4 ta' Awwissu 2000, allura l-azzjoni hija kolpita bil-preskrizzjoni bijennali kontemplata fl-imsemmi artikolu.

---

9 Sottolinear tal-Qorti.

26. L-Artikolu 1027 jaqra hekk:
"L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqghet bil-preskrizzjoni bis-sahha tad-dispozizzjonijiet migjuba taht it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball."

27. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-ewwel aggravju, u cioe` li Credinvest irratifikat il-kuntratt tad-9 ta' Lulju 1998, il-pagamenti li saru minn Gardanella lilha kienu gew effettwati in esekuzzjoni ta' obbligu kontrattwali naxxenti mill-imsemmi kuntratt, u ghalhekk fic-cirkostanzi m'hemmx l-element ta' zball li huwa s-substratt tal-Artikolu precitat, imma rifuzjoni ta' pagamenti li saru, minhabba inadempjenza kontrattwali da parti ta' Credinvest.

28. Izda, anke *dato non concesso*, li kieku kellu jitqies li l-pagamenti saru bi zball, xorta wahda dan l-aggravju ma jreggix, stante li skont l-artikolu precitat id-dekorriment tal-perjodu tal-preskrizzjoni ta' sentejn kellu se mai jibda *"minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball"*, u ghalhekk f'dan il-kaz, f'Novembru 1998, minn meta ghalaq il-perjodu tat-tieni estensjoni moghtija lil Credinvest, u din kienet baqghet inadempjenti. Ghalhekk it-tezi ta' Credinvest li l-perjodu preskrittiv kellu jibda jghodd mid-dati meta saru l-pagamenti minn Gardanella, hija legalment insostenibbli. Inoltre, tenut kont li c-citazzjoni giet prezentata fl-4 ta' Awwissu 2000, u ghalhekk fit-terminu tas-sentejn, jirrendi din it-tezi fattwalment insostenibbli l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni biennali.

29. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

*It-tielet u l-hames aggravji*

30. Dawn l-aggravji huma konnessi, u ghalhekk ser jigu trattati flimkien.

31. Is-socjeta` Credinvest issostni li l-ammont imhallas mis-socjeta` Gardanella bhala *cost contribution*, m'huwiex rifondibbli, stante li dan kien jirrapprezenta spejjez necessarji li Credinvest kellha taghmel fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt, inkluz l-ammont ta' US$6,666 mhallsa minnha bhala kummissjoni lil Melhorn.

32. Tghid li, fl-ewwel lok, Harrington u Melhorn ma kienux awtorizzati li jweghdu *refunds* ghan-nom taghha, u wkoll tispjega li:
"...l-istess socjeta` appellanti ma tista' qatt twieghed refunds tal-mizati li hija tircevi minghand il-klijent f'cirkostanzi fejn minn tal-anqas terz tal-istess mizati jkollu jigi trasferit lil persuni bhal Melhorn u Harrington ossija lil persuni li jkunu hadmu biex instab il-klijent bhal ma huwa l-attur nomine appellat."[10]

33. Credinvest tghid ukoll li:
".....Andreas Melhorn u Auston Harrington kienu fil-fatt sussegwentemnet sostnew ma' l-istess Alain Mangion [direttur ta' Credinvest] illi huma kienu ftehemu ma' l-attur nomine appellat illi emendaw dan l-istess ftehim biex b'hekk ma kellu jkun hemm l-ebda *refund*".[11]

34. Barra minnhekk,
"Credinvest ghamlet kwazi erba' [4] xhur tahdem fuq il-progett ..... u kienet waslet, sahansitra sabiex identifikat ukoll istituzzjoni finanzjarja li kienet lesta toffri l-finanzi li kellu bzonn l-istess attur nomine appellat. Natulament kollox sfaxxa fix-xejn meta l-istess attur nomine appellat tilef l-interess li kellu fil-progett tieghu stess jew almenu fis-servizzi li kien talab minghand is-socjeta` appellanti. Tax-xoghol kollu li sar minn Credinvest matul l-imsemmi perjodu ta' erba' xhur, l-attur nomine appellat ippretenda li ma jhallasx...."[12]

35. Is-socjeta` appellanti hija tal-fehma illi hija kellha tigi debitament kumpensata kemm tal-ispejjez u kif ukoll tas-

10 Fol. 13 – Rikors Appell.

11 Fol. 15 – Rikors Appell.

12 Fol. 13 – Rikors Appell.

servizzi kollha li gew rezi minnha fuq l-inkarigu u ghall-beneficju tal-attur nomine appellat, liema kumpens gie totalment eskluz mis-sentenza appellata.

36. Fir-rigward huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet guridici.
"Illi kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minn nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata jew mahlula obbligazzjoni [Art.960]. Kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom is-sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom [Art.992] u jorbtu lill-istess fit-termini taghhom. Il-kuntratti ghandhom jigu esegiwiti bil-bona fede.[Art.993]. *"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li [ghandha] tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda." [App.Civ. Gloria Beacom et vs L-Arkitett Anthony Spiteri Staines deciza 5 ta' Ottubru 1998].* Meta l-kliem tal-konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni [Art.1002] u l-interpreti ghandu joqghod ghal dawn il-kliem u mhux jirrikorri ghal kongetturi. Fejn is-sinifikat tal-konvenzjoni jkun car u fejn il-fatti li jkunu wasslu ghal dak il-ftehim kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoggux fid-dubbju l-volonta` tal-kontraenti, mhux lecitu ghall-gudikant illi jaghti lil dik l-iskrittura sinifikat divers minn dak liberalment espress mill-kontraenti.*[App.* ***John Zammit et vs Michael Zammit Tabona noe****. Deciza 28 ta' Frar 1997; App.Civ.* ***Vincent Aquilina vs Caterina Micallef*** *[1997]- Vol.LXXXI.II.517; App.Civ.* ***Carmelo Grech vs Julian Zammit Tabone et noe*** *[1998] – Vol.LXXXII.II.1383]*.

Konformament ma' dan, jigi osservat li hija r-regola tradizzjonali u gurisprudenzjali li mhumiex ammessi provi testimonjali sabiex jigi stabbilit dak li mhux indikat fil-kuntratt; izda kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Carmelo Morana vs Nutar Dr.Joseph Spiteri***[13] deciza 26 ta' Mejju 1952, ir-regola *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur* mhix

13 Vol. XXXVI.I.120 – Ara kazistika hemm citata.

assoluta u ssofri eccezzjonijiet f'certi kazijiet. Fost il-kazijiet li fihom, skont il-gurisprudenza nostrana, jistghu jigi ammessi provi orali kontra l-prova miktuba, hemm il-kaz "meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma' l-att; jew meta jirrizulta li jkun hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali."

37. Fil-meritu l-Qorti tosserva li l-kuntratt redatt fid-9 ta' Lulju 1998 huwa car u ma jaghtix lok ghal interpretazzjoni. Ukoll, dak li sostna Mangion dwar il-konferma verbali moghtija lil Melhorn minn Garber, kif gja` fuq osservat, m'huwiex sostnut mill-provi, u certament m'ghandux iwassal ghad-deroga mill-massima li dak li hu miftiehem bil-miktub bejn il-partijiet jipprevali fuq allegazzjonijiet maghmula verbalment minn wiehed mill-kontraenti. Di piu` ma rrizultax li kien sar zball. Dan hu konfermat mill-fatt li Mangion, li fit-30 ta' Lulju 1998, kien konxju tal-kontenut tal-kuntratt rratifikah tacitament meta volontarjament beda jezegwixxi l-ftehim.

38. Il-kuntratt *de quo*, fil-partijiet relevanti tieghu jghid hekk:
"On occasion of conferring the mandate, the principal shall pay to the contractor a cost contribution of US$15,000. This amount shall for the major part be used to procure the cover note [preliminary cover note of the English Insurance company]. The cost contribution shall be refunded entirely, should the contractor not be able to procure financing within the agreed upon framework conditions."[14]

39. Mill-premess ghandu jirrizulta car li skont il-kuntratt fil-kaz li Credinvest tonqos milli ssib il-finanzjament stipulat fil-ftehim, il-*cost contribution* mhallsa lilha minn Gardanella kellha tigi ritornata fl-intier taghha. Dan hu l-ftehim li rrikonoxxiet Credinvest, u ghalhekk issa ma tistax

14 Fol. 7 – sottolinear ta' din il-Qorti.

tippretendi li tigi ezonerata minn dan l-obbligu kontrattwali taghha, b'argumenti li ma jsibux sostenn fil-provi.

40. Rigward is-silta mid-depozizzjoni ta' Herbert Garber tal-20 ta' Ottubtru 2004 a fol. 117 tal-process citata minn Credinvest, il-Qorti tosserva li din ma hi ta' ebda soljev ghal Credinvest, stante li proprju tghid dak li hemm fil-kuntratt, u cioe` li jekk Credinvest ma ssibx l-offerti finanzjarji imweghda kif indikat fil-kuntratt allura kellha tibghat lura l-flus imhallsa lilha minn Gardanella, u cioe` US$20,000 [fuq zewg kuntratti].

41. Inoltre, jigi osservat illi kieku Credinvest verament ma kellhiex l-intenzjoni li tintrabat bl-obbligu li tirritorna l-*cost contribution* fil-kaz li n-negozju finanzjarju ma jsehhx, kellha l-opportunita` mit-30 ta' Lulju 1998, u cioe` minn meta rceviet it-traduzzjoni Ingliza tal-kuntratt, li tinsisti fuq emenda fil-kuntratt, u anke tieqaf milli tkompli taghmel spejjez fl-esekuzzjoni tal-obbligi taghha naxxenti mill-ftehim. Irrizulta pero` li Credinvest dan m'ghamlitux, u ghalhekk issa mhux lecitu li tipprova tirtira minn dan l-obbligu taghha.

42. Rigward il-pretensjoni ta' Credinvest ghall-kumpens tax-xoghol maghmul minnha in konnessjoni mal-ftehim, il-Qorti tosserva li ma saret ebda kontro-talba f'dan is-sens, u ghalhekk din il-pretensjoni ma tistax tigi investita f'dan il-gudizzju.

*Ir-raba' aggravju*

43. Dan hu fis-sens li m'huwiex minnu li s-socjeta` Credinvest kisret il-kondizzjonijiet tal-ftehim, izda kienet is-socjeta` Gardanella *"unikament responsabbli ghan-nuqqas ta' finanzjament kontemplat fil-ftehim"*. Credinvest kienet fil-fatt sabet istituzzjoni finanzjarja li kienet lesta toffri s-self li kien gie rikjest minn [Gardanella], tant li *"is-socjeta` appellata kienet sahansitra waslet fl-istadju fejn baghtet l-insurance forms relattivi lil attur noe appellat."*

44. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-inadempjenza kontrattwali kienet da parti ta' Credinvest

u mhux da parti ta’ Gardanella. Il-kuntratt kien jistipula b’mod car li l-finanzjament kellu jigi provdut minn Credinvest sa bejn 30 u 45 gurnata mid-data tal-iffirmar tieghu, filwaqt li Gardanella kellha thallas *cost contribution* ta’ US$15,000. Il-provi juru li, ghalkemm il-*cost contribution* kien thallas debitament lil Credinvest, din minn naha taghha, minkejja t-trapass taz-zmien, kemm dak originali kif ukoll iz-zewg estensjonijiet akkordata lilha, baqghet inadempjenti fl-obbligu taghha li tipprovdi tlett offerti ta’ finanzjament skont il-kondizzjonijiet tal-kuntratt. Huwa minhabba din l-inadempjenza li Gardanella qed titolb ir-rifuzjoni tal-pagamenti maghmula minnha.

45. Dwar l-allegazzjoni maghmula minn Credinvest li s-socjeta` kienet “*sahansitra waslet fl-istadju fejn baghtet l-insurance forms relattivi”*[15] u li kienet sabet istituzzjoni finanzjarja li kienet lesta toffri s-self”, din il-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni hija in parte gratuwita u in parte kontradetta mill-istess Mangion fl-affidavit tieghu. Hija gratuwita ghax ma tressqet ebda prova fir-rigward, u hija kontradetta minn Mangion stess meta fl-affidavit tieghu jghid: “*We never received the insurance forms..”*[16] Dan gie konfermat minn Garber fix-xhieda tieghu meta qal li l-ewwel darba li sema’ bl-*insurance forms* kienet fil-*fax* li baghtlu Mangion fil-20 ta’ Novembru 1998, u wkoll li hu qatt ma rceva dawn il-formoli.

46. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**<u>L-Appell Incidentali [Gardanella]</u>**

47. Dan l-appell huwa dirett ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti rriduciet is-somma dovuta lil Gardanella minn Credinvest bl-ammont li din is-socjeta` kienet hallset bhala senserija lil terzi fuq il-kuntratt, b’hekk is-somma dovuta giet ridotta ghal $4,999.50 [LM5,113.50] ekwivalenti ghal €11,911.25.

15 Fol.15 – Appell.

16 Fol. 211.

48. L-aggravju hu fis-sens li l-kuntratt kien car, u ma jhalli l-ebda dubju li l-ammont imhallas minn Gardanella bhala depozitu huwa rifondibbli fl-intier tieghu. Gjaladarba l-kuntratt in kwistjoni huwa kuntratt validu irid jigi inforzat hekk kif ftehmu l-partijiet – *pacta sunt servanda.*

49. Inoltre, ir-relazzjoni guridika li kellha Gardanella kienet ma’ Credinvest biss, u ma’ hadd izjed, u ghalhekk Gardanella ma kellhiex issofri riduzzjoni fl-ammont dovut lilha minhabba relazzjoni li Credinvest kellha ma’ Harrington u Melhorn.

50. Min-naha taghha, Credinvest qed topponi ghal dan l-appell fuq zewg konsiderazzjonijiet: [a] li l-pagamenti saru f’dollari Amerikani, u, r-rifuzjoni tas-somma tal-US$15,000 fi flus maltin jew fl-euro, iwassal sabiex Credinvest thallas aktar minn dak li rceviet; [b] li taqbel mal-konsiderazzjoni li wasslet lill-ewwel Qorti sabiex tirriduci minn dan l-ammont is-somma ta’ US$6,666 li Credinvest hallset lil Melhorn bhala kummissjoni, stante li din agixxiet *in bona fede.*

Rigward il-konsiderazzjoni (a) il-Qorti tirreferi li l-munita legali f’Malta hi l-Euro u ghalhekk il-pagament ghandu jsir f’dik il-munita u kull dejn f’munita estera ghandu jigi konvertit f’Euro bir-rata applikabbli fid-data tal-pagament.

51. Din il-Qorti tosserva li il-klawsola dwar il-*cost contribution* hija cara, u esplicitament tghid li *“the cost contribution shall be <u>refunded entirely</u>[17], should the contractor not be able to procure financing with the agreed upon framework conditions”*. Dak li hu stipulat ghandu jigi ezegwit, u ma kienitx korretta l-ewwel Qorti meta dderogat minn dan id-dritt ta’ Gardanella billi naqset proporzjonalment mill-ammont dovut is-somma ta’ US$6,666[18]. Fir-rigward, il-fattur tal-*bona fede*, kif ukoll il-fatt li kien Melhorn li laqqa’ liz-zewg partijiet, li wasslu lil

17 Sottolinear tal-Qorti.

18 Fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti naqqset proporzjonalment l-ammont ta’ US$6,666, mill-ammont intier ta’ US$20,000, imhallas minn Herbert Garber, [US$15,000] ghan-nom ta’ Garbarnella SA, u [US$5,000] ghan-nom ta’ Garber Gesellschaft [Kawza 1644/00 fl-ismiijiet l-Avuikat Dottor Hugh Peralta noe v. Credinvest International Corporate Finance Limited].

dik il-Qorti sabiex tirriduci l-ammont ta' US$15,000 dovut lil Gardanella, huma rrelevanti ghall-finijiet tal-ezami odjern, u m'hemm xejn fil-kuntratt li legalment jiggustifika dan it-tnaqqis.

52. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddecidi billi tichad l-appell principali ta' Credinvest; tilqa' l-appell incidentali ta' Gardanella billi thassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Credinvest thallas lil Gardanella s-somma ta' €11,911.25, u minflok, tordna li Credinvest thallas lil Gardanella is-somma f'munita euro ekwivalenti ghal US$15,000, skont ir-rata tal-kambju vigenti llum, bl-imghaxijiet minn notifika tac-citazzjoni; tikkonferma l-bqija tas-sentenza.

Thassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat lil Gardanella thallas kwint $^{1}/_{5}$ mill-ispejjez, u minnflok, tordna li l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati minn Credinvest.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------